

31994D0981

31.12.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 378/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Diċembru 1994

dwar il-konklużjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim Ewropew bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra

(94/981/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ntlaħqu f'Essen fid-9 u l-10 ta' Diċembru 1994,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni innegozjat fisem il-Komunitajiet it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Temporanju ⁽¹⁾ dwar il-kummerċ u affarijiet relatati miegħu u għall-Ftehim Ewropew mar-Repubblika tal-Bulgarija,

Billi hu meħtieġ li jiġi approvat dan it-Tieni Protokoll Addizzjonali,

Dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3 tat-Tieni Protokoll Addizzjonali dwar prodotti agrikoli li jaqgħu taħt l-Anness II tat-Trattat u li jkunu suġġetti, fil-qafas ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni għal sistema ta' imposti, jew ta' dazji tad-dwana, u dwar prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet 0711 90 40, 2003 10 20 u 2003 10 30 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib ⁽²⁾, jew fid-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' Regolamenti oħra li jistabbilixxu organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli. Meta l-applikazzjoni tal-Ftehim titlob kooperazzjoni fil-qrib mal-Bulgarija, il-Kummissjoni tista' tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura din il-kooperazzjoni.

Artikolu 3

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat jinnomina persuna bis-setgħa li tiffirma t-Tieni Protokoll Addizzjonali fisem il-Komunità Ewropea.

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8 tat-Tieni Protokoll Addizzjonali fisem il-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

H. SEEHOFER

Artikolu 1

It-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija min-naħa l-oħra, u għall-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u affarijiet relatati miegħu bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar il-Faħam u l-Azzar, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija min-naħa l-oħra, hu hawnhekk approvat fisem il-Komunità Ewropea.

It-test tat-Tieni Protokoll Addizzjonali hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 323, tat-23.12.1993, p. 2.

⁽²⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1880/94 (ĠU L 197, tat-30.7.1994, p. 21).